# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fis-26 ta' Lulju 2017[1]

**Kawża C-389/15**

**Il-Kummissjoni Ewropea**
**vs**

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

"Rikors għal annullament – Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar Ftehim ta' Lisbona rrevedut dwar id-denominazzjonijiet ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi – Kompetenza esklużiva tal-Unjoni – Artikolu 3(1) TFUE – Artikolu 207 TFUE – Politika kummerċjali komuni – Aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali"

1. Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tas-7 ta' Mejju 2015, li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar Ftehim ta' Lisbona rrevedut dwar id-denominazzjonijiet ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, għal dak li jirrigwarda kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea[2].

2. Wara l-opinjonijiet 3/15[3] u 2/15[4], b'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba mill-ġdid sabiex tippreċiża l-portata tal-politika kummerċjali komuni, li, kif jipprovdi l-Artikolu 3(1)(e) TFUE, tikkostitwixxi qasam ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha tiddeċiedi jekk l-implementazzjoni ta' sistema ta' reġistrazzjoni internazzjonali u ta' protezzjoni reċiproka tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, bħal dik li għaliha tirreferi d-deċiżjoni kkontestata, taqax jew le taħt l-"aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali", fis-sens tal-Artikolu 207(1) TFUE.

## I. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt internazzjonali*

3. Il-Ftehim ta' Lisbona dwar il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u r-reġistrazzjoni internazzjonali tagħhom, iffirmat f'Lisbona fil-31 ta' Ottubru 1958 (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Lisbona"), huwa trattat amministrat mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO), li miegħu jista' jaderixxi kull Stat li huwa parti fil-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-proprjetà industrijali, iffirmata f'Pariġi fl-20 ta' Marzu 1883 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Pariġi"). Huwa daħal fis-seħħ fil-25 ta' Settembru 1966 qabel ma ġie rrevedut fl-1967, u sussegwentement emendat fl-1979.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 Iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata".
3 Opinjoni 3/15 (Trattat ta' Marrakexx biex jiġi Ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijiet Pubblikati), tal-14 ta' Frar 2017 (EU:C:2017:114).
4 Opinjoni 2/15, tas-16 ta' Mejju 2017 (iktar 'il quddiem l-"Opinjoni 2/15", EU:C:2017:376).

4. 28 Stat huma attwalment partijiet fil-Ftehim ta' Lisbona. Fosthom hemm seba' Stati Membri tal-Unjoni, jiġifieri r-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, l-Ungerija, ir-Repubblika Portugiża u r-Repubblika Slovakka. Tliet Stati Membri oħra, jiġifieri r-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja u r-Rumanija, iffirmaw dan il-ftehim iżda sal-lum għadhom ma rratifikawhx. Għall-kuntrarju, l-Unjoni ma hijiex parti f'dan il-ftehim, li miegħu jistgħu jaderixxu biss Stati.

5. Skont l-Artikolu 1 tal-Ftehim ta' Lisbona, l-Istati li huma partijiet fih jiffurmaw Unjoni speċjali fil-kuntest tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-proprjetà industrijali stabbilita mill-Konvenzjoni ta' Pariġi u jintrabtu li jipproteġu, fuq it-territorju tagħhom u skont it-termini ta' dan il-ftehim, id-denominazzjonijiet ta' oriġini tal-prodotti tal-pajjiżi l-oħra tal-Unjoni speċjali, b'effett mill-mument li fih dawn ikunu ġew irreġistrati mal-uffiċċju internazzjonali tal-proprjetà intellettwali tad-WIPO.

6. Skont l-Artikolu 2(1) tal-Ftehim ta' Lisbona, "denominazzjoni ta' oriġini", fis-sens ta' dan il-ftehim, tfisser id-denominazzjoni ġeografika ta' pajjiż, ta' reġjun jew ta' lokalità li sservi sabiex tindika prodott li huwa oriġinarju ta' hemmhekk u li l-kwalità jew il-karatteristiċi tiegħu huma dovuti esklużivament jew essenzjalment għall-ambjent ġeografiku, inkluż il-fatturi naturali u umani.

7. L-Artikoli 3 sa 7 tal-imsemmi ftehim jorganizzaw il-kundizzjonijiet għall-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini li jaqgħu taħtu kif ukoll il-modalitajiet tar-reġistrazzjoni tagħhom mill-uffiċċju internazzjonali tal-proprjetà intellettwali tad-WIPO.

8. L-Artikolu 8 tiegħu jipprovdi li l-azzjonijiet neċessarji sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' dawn id-denominazzjonijiet ta' oriġini jistgħu jiġu eżerċitati, f'kull wieħed mill-pajjiż tal-Unjoni speċjali, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu.

9. L-Artikolu 13(2) tal-Ftehim ta' Lisbona jipprovdi li dan jista' jiġi rrevedut minn konferenzi tad-delegati tal-Istati tal-Unjoni speċjali li tissemma fl-Artikolu 1 tiegħu.

## *B. Id-dritt tal-Unjoni*

10. L-Unjoni adottat progressivament, wara l-1970, atti differenti li jirregolaw il-kundizzjonijiet għall-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' ċerti tipi ta' prodotti, jiġifieri l-inbejjed, l-ispirti, l-inbejjed aromatiċi kif ukoll il-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel l-oħra.

11. Attwalment, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dan ir-rigward tikkonsisti mir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Jannar 2008, dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spiritu u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89 [5], mir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Novembru 2012, dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel [6], mir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Diċembru 2013, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 [7], kif ukoll mir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2014, dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 [8].

5 ĠU 2008, L 39, p. 16.
6 ĠU 2012, L 343, p. 1, u rettifiki ĠU 2013, L 55, p. 27, u ĠU 2015, L 191, p. 10.
7 ĠU 2013, L 347, p. 671, u rettifiki ĠU 2014, L 189, p. 261, u ĠU 2016, L 130, p. 8.
8 ĠU 2014, L 84, p. 14, u rettifika ĠU 2014, L 105, p. 12.

## II. Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kkontestata

### *A. Ir-reviżjoni tal-Ftehim ta' Lisbona*

12. F'Settembru 2008, l-assemblea tal-Unjoni speċjali istitwita mill-Ftehim ta' Lisbona waqqfet grupp ta' ħidma inkarigat sabiex jipprepara reviżjoni intiża sabiex ittejjeb dan il-ftehim u tagħmlu iktar attraenti, filwaqt li tippreżerva l-għanijiet u l-prinċipji tiegħu.

13. F'Ottubru 2014, dan il-grupp ta' ħidma qabel fuq abbozz ta' att għal dan l-għan (iktar 'il quddiem l-"abbozz ta' ftehim irrevedut"). L-emendi proposti f'dan l-abbozz, fil-verżjoni tiegħu ppubblikata mid-direttur ġenerali tad-WIPO fl-14 ta' Novembru 2014, jirrigwardaw, b'mod partikolari, il-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni prevista, li kien propost li jiġi estiż għall-indikazzjonijiet ġeografiċi (Artikoli 2 u 9), il-kontenut u l-limiti ta' din il-protezzjoni (Artikoli 10 sa 20) kif ukoll il-possibbiltà mogħtija lil organizzazzjonijiet intergovernamentali li jaderixxu mal-imsemmi ftehim u jipparteċipaw fil-voti tal-assemblea tiegħu (Artikoli 22 u 28).

14. Issejħet konferenza diplomatika f'Genève mill-11 sal-21 ta' Mejju 2015 sabiex dan l-abbozz jiġi eżaminat u adottat. Skont l-abbozz tar-regoli tal-proċedura approvat mill-kumitat preparatorju, ġew mistiedna sabiex jipparteċipaw mhux biss id-delegazzjonijiet tat-28 Stat li huma parti fil-Ftehim ta' Lisbona, iżda wkoll żewġ delegazzjonijiet imsejħa "speċjali", fosthom dik tal-Unjoni, kif ukoll ċertu numru ta' delegazzjonijiet imsejħa "osservaturi", li jirrappreżentaw lill-Istati li huma membri tad-WIPO iżda li ma humiex mhux parti f'dan il-ftehim.

15. Fl-20 ta' Mejju 2015, dik il-konferenza diplomatika adottat l-att ta' Ġinevra fuq il-Ftehim ta' Lisbona fuq id-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, li ġie miftuħ għall-iffirmar fil-21 ta' Mejju 2015.

### *B. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u d-deċiżjoni kkontestata*

16. Fid-dawl tal-imsemmija konferenza diplomatika, fit-30 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar Ftehim ta' Lisbona rrevedut dwar id-denominazzjonijiet ta' oriġini u r-reġistrazzjoni internazzjonali tagħhom (iktar 'il quddiem ir-"rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni").

17. F'din ir-rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni kienet, fl-ewwel lok, stiednet lill-Kunsill sabiex jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-Artikolu 207 TFUE u fuq l-Artikolu 218(3) u (4) TFUE, fid-dawl, minn naħa, tal-kompetenza esklużiva mogħtija lill-Unjoni bl-Artikolu 3(1)(e) TFUE fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni u, min-naħa l-oħra, tal-għan kif ukoll tal-kontenut tal-Ftehim ta' Lisbona.

18. Fit-tieni lok, il-Kummissjoni ssuġġeriet lill-Kunsill sabiex jafdalha t-tmexxija tan-negozjati f'isem l-Unjoni, fil-kuntest tad-direttivi ta' negozjati stabbiliti minnu u b'konsultazzjoni mal-kumitat speċjali maħtur minnu.

19. Fis-7 ta' Mejju 2015, il-Kunsill adotta d-deċiżjoni kkontestata, li tiskarta r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni billi bbaża ruħu fuq l-Artikolu 114 TFUE u fuq l-Artikolu 218(3) u (4) TFUE. Il-premessa 3 tagħha timmotiva l-għażla ta' din il-bażi legali fit-termini segwenti:

"(3) L[-abbozz ta'] ftehim irrevedut jistabbilixxi sistema ta' protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-partijiet kontraenti permezz ta' reġistrazzjoni unika. Din il-kwistjoni tifforma s-suġġett ta' armonizzazzjoni fil-qafas tal-leġiżlazzjoni interna tal-[Unjoni] f'dak li jikkonċerna d-denominazzjonijiet u l-indikazzjonijiet agrikoli u għaldaqstant

taqa' taħt il-kompetenza kondiviża tal-Unjoni (f'dak li jikkonċerna d-denominazzjonijiet u l-indikazzjonijiet agrikoli) u tal-Istati Membri tagħha (f'dak li jikkonċerna d-denominazzjonijiet u l-indikazzjonijiet mhux agrikoli u t-taxxi)."

20. Fir-rigward tat-tmexxija tan-negozjati, il-premessi 4 sa 7 ta' din id-deċiżjoni jindikaw:

"(4) Sabiex id-dispożizzjonijiet t[al-abbozz ta'] ftehim [irrevedut] ikopru kemm il-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni kif ukoll il-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, is-seba' Stati Membri li huma partijiet fil-Ftehim ta' Lisbona attwali u l-Kummissjoni għandhom ikunu lkoll awtorizzati mill-Kunsill sabiex jipparteċipaw flimkien fin-negozjati waqt il-konferenza diplomatika, abbażi tad-direttivi ta' negozjar li jidhru fl-anness.

(5) Sabiex jiġu ppreżervati l-prinċipji u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Lisbona, huwa neċessarju, fl-interess tal-Unjoni, li tiġi evitata kull possibbiltà li dawk li ma humiex membri jinvokaw u jeżerċitaw drittijiet tal-vot matul il-konferenza diplomatika. Għaldaqstant, is-seba' Stati Membri tal-[Unjoni] li huma partijiet fil-Ftehim [ta' Lisbona] għandhom jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot tagħhom, inkluż f'dak li jikkonċerna l-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni, abbażi ta' pożizzjoni komuni.

(6) Din id-deċiżjoni hija bla ħsara għall-parteċipazzjoni fil-konferenza diplomatika u għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot, matulha, tal-Istati Membri li attwalment huma partijiet fil-Ftehim ta' Lisbona f'dak li jikkonċerna l-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom.

(7) Bl-għan li tiġi żgurata l-unità tar-rappreżentanza esterna tal-Unjoni, huwa meħtieġ li s-seba' Stati Membri li huma partijiet fil-Ftehim ta' Lisbona u l-Kummissjoni jikkooperaw mill-qrib matul il-proċess kollu ta' negozjar, skont l-Artikolu 4(3) […] TUE."

21. Id-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata huwa fformulat kif ġej:

"Artikolu 1

Il-Kummissjoni hija awtorizzata tipparteċipa, flimkien mas-seba' Stati Membri li huma partijiet fil-Ftehim ta' Lisbona, fil-konferenza diplomatika għall-adozzjoni ta[l-abbozz ta'] ftehim […] irrevedut dwar id-denominazzjonijiet ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, f'dak li jirrigwarda kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni.

Artikolu 2

Fl-interess tal-Unjoni, is-seba' Stati Membri li huma partijiet fil-Ftehim ta' Lisbona għandhom jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot tagħhom, abbażi ta' pożizzjoni komuni, f'dak li jikkonċerna l-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni.

Artikolu 3

In-negozjati għandhom jitmexxew f'konformità mad-direttivi ta' negozjar li jidhru fl-anness.

Artikolu 4

Għandu jkun hemm koordinazzjoni adegwata matul il-konferenza diplomatika, f'dak li jikkonċerna l-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni. Wara l-konferenza, in-negozjaturi għandhom jagħtu rapport mingħajr dewmien lill-grupp 'Proprjetà intellettwali' tal-Kunsill."

22. Wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ħarġet dikjarazzjoni li fiha, essenzjalment, stqarret li ma taqbilx kemm mal-bażi legali li fuqha l-Kunsill ibbaża ruħu kif ukoll man-nomina ta' Stati Membri bħala negozjaturi f'isem l-Unjoni.

## III. It-talbiet tal-partijiet u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

23. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata,

– iżżomm fis-seħħ l-effetti tagħha sakemm tidħol fis-seħħ deċiżjoni ġdida tal-Kunsill, f'terminu raġonevoli mid-data ta' meta tingħata s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u

– tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

24. Il-Kunsill jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

25. B'deċiżjonijiet tas-27 ta' Novembru 2015, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja awtorizza lir-Repubblika Ċeka, lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Repubblika Ellenika, lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika Taljana, lill-Ungerija, lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, lir-Repubblika tal-Awstrija, lir-Repubblika Portugiża u lir-Repubblika Slovakka sabiex jintervjenu fil-kawża, insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

26. B'deċiżjoni tal-istess jum, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja awtorizza lill-Parlement Ewropew jintervjeni fil-kawża, insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni.

27. B'deċiżjoni tat-12 ta' Jannar 2016, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja awtorizza lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq sabiex jintervjeni fil-kawża, insostenn tat-talbiet tal-Kunsill, fil-każ li tinżamm seduta.

28. Is-seduta għas-sottomissjonijiet orali f'din il-kawża nżammet fit-12 ta' Ġunju 2017.

## IV. Fuq ir-rikors

29. Insostenn tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni, sostnuta mill-Parlament, tinvoka żewġ motivi. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata rrikonoxxiet l-eżistenza tal-kompetenza tal-Istati Membri bi ksur tal-Artikolu 3 TFUE, billi huwa ċar li n-negozjati jirrigwardaw ftehim li jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 207(3) TFUE kif ukoll tal-Artikolu 218(3), (4) u (8) TFUE, għaliex il-Kunsill innomina lil Stati Membri bħala "negozjaturi" f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenza tal-Unjoni u ma adottax id-deċiżjoni kkontestata skont il-maġġoranza applikabbli.

30. L-ewwel motiv imqajjem mill-Kummissjoni huwa maqsum f'żewġ partijiet. Fl-ewwel parti, li tikkostitwixxi t-teżi li l-Kummissjoni, sostnuta mill-Parlament, tiddefendi primarjament, hija targumenta li l-abbozz ta' ftehim irrevedut jirrigwarda aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali, li, skont l-Artikolu 207(1) TFUE, jaqgħu taħt il-politika kummerċjali komuni. Issa din tikkostitwixxi waħda mill-oqsma li dwarhom, skont l-Artikolu 3(1) TFUE, l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva, ħaġa li d-deċiżjoni kkontestata kisret.

31. Fit-tieni parti tal-ewwel motiv, ippreżentata sussidjarjament, il-Kummissjoni, sostnuta wkoll mill-Parlament, issostni li l-abbozz ta' ftehim irrevedut jista' jaffettwa r-regoli komuni stabbiliti mill-Unjoni fl-oqsma tal-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, u li għaldaqstant id-deċiżjoni kkontestata kisret il-kompetenza esklużiva li l-Unjoni tgawdi taħt l-Artikolu 3(2) TFUE.

32. Nibda biex niddikjara li, fl-opinjoni tiegħi, l-ewwel parti tal-ewwel motiv hija fondata, u dan għandu jkun biżżejjed, fil-fehma tiegħi, sabiex iwassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Minħabba f'hekk, ma jidhirlix li huwa neċessarju eżami tat-tieni parti tal-ewwel motiv u tat-tieni motiv sabiex tiġi deċiża din il-kawża.

### *A. L-argumenti prinċipali tal-partijiet dwar l-ewwel parti tal-ewwel motiv*

33. Kif indikajt preċedentement, il-Kummissjoni, sostnuta mill-Parlament, tiddefendi primarjament it-teżi li, billi din tikkonċerna l-"aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali", fis-sens tal-Artikolu 207(1) TFUE, u għaldaqstant taqa' fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni, id-deċiżjoni kkontestata taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

34. Għalhekk l-Unjoni biss għandha l-kompetenza sabiex tinnegozja ftehimiet internazzjonali li jikkonċernaw il-proprjetà intellettwali peress li huwa stabbilit, fid-dawl tal-għan tagħhom u tal-kontenut tagħhom, li dawn il-ftehimiet jippreżentaw rabta speċifika mal-kummerċ internazzjonali, pereżempju billi jiffaċilitawh permezz ta' uniformità leġiżlattiva [9]. Għaldaqstant, minflok ma hija limitata għall-ftehimiet dwar l-armonizzazzjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali nnegozjati fil-kuntest istituzzjonali u proċedurali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), din il-kompetenza esklużiva tkopri, b'mod partikolari, ftehimiet oħra li l-analiżi tagħhom każ b'każ turi li huma intiża, primarjament, li jiffavorixxu, fuq bażi ta' reċiproċità, il-kummerċ ta' merkanzija jew ta' servizzi ma' Stati terzi, billi jiżguraw lil din il-merkanzija jew lil dawn is-servizzi l-istess grad ta' protezzjoni bħal dik li minnha huma diġà jgawdu fi ħdan is-suq intern [10]. B'mod partikolari, dan jista' jkun il-każ ta' ċerti ftehim amministrati mid-WIPO.

35. F'dan il-każ, il-Kummissjoni u l-Parlament jargumentaw li, l-istess bħall-Ftehim ta' Lisbona, l-abbozz ta' ftehim irrevedut jippreżenta rabta speċifika mal-kummerċ internazzjonali. Huwa minnu li huwa ma għandux preambolu li jesponi l-għan tiegħu espressament. Madankollu, l-analiżi tad-dispożizzjonijiet tiegħu u tal-kuntest li fih huwa jidħol juru li huwa għandu l-għan u l-effett li jagħti lid-denominazzjonijiet ta' oriġini ta' kull parti kontraenti l-benefiċċju ta' sistema ta' reġistrazzjoni internazzjonali li tiżgura l-protezzjoni legali tagħhom, fuq it-territorju tal-partijiet kontraenti l-oħra kollha, kontra r-riskji ta' approprjazzjoni jew ta' użu li jistgħu jiksru l-integrità tagħhom u, għaldaqstant, jagħmlu ħsara lill-kummerċjalizzazzjoni tagħhom barra minn pajjiżhom. Billi jagħmel hekk, dan l-abbozz itejjeb il-protezzjoni tal-esportazzjonijiet tal-Unjoni lejn l-Istati terzi, li, fin-nuqqas, tkun suġġetta għal reġistrazzjoni pajjiż b'pajjiż u għaldaqstant għal garanziji varjabbli. Għaldaqstant, dan l-abbozz jaqa' fl-intier tiegħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, u dan anki jekk is-sistema ta' protezzjoni li huwa jipprevedi li jistabbilixxi hija intiża sabiex tiġi implementata mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, skont l-Artikolu 291 TFUE [11]. Barra minn hekk, l-Unjoni diġà kkonkludiet waħedha, fuq il-bażi tal-Artikolu 207 TFUE, ċertu numru ta' ftehimiet internazzjonali dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, pereżempju mal-Konfederazzjoni Svizzera jew mar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, u l-Kunsill, li ma jikkontestax l-eżistenza ta' din il-prattika, ma jiġġustifikax ir-raġunijiet li wassluh sabiex jiskartaha f'dan il-każ.

9 Sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Daiichi Sankyo u Sanofi-Aventis Deutschland (C-414/11, EU:C:2013:520, punti 50 sa 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).

10 Sentenzi tat-12 ta' Mejju 2005, Regione autonoma Friuli-Venezia Giulia u ERSA (C-347/03, EU:C:2005:285, punti 71 sa 83), u tat-22 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-137/12, EU:C:2013:675, punti 56 sa 67).

11 Opinjoni 2/91 (Konvenzjoni Nru 170 tad-WTO), tad-19 ta' Marzu 1993 (EU:C:1993:106, punt 34).

36. Skont il-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata u fin-noti tiegħu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kunsill jistabbilixxi paralleliżmu żbaljat bejn il-kompetenzi esterni u interni tal-Unjoni. Il-kompetenza tal-Unjoni sabiex tinnegozja l-abbozz ta' ftehim irrevedut tista' fil-fatt toriġina mill-politika kummerċjali komuni, fid-dawl tal-għan u tal-kontenut ta' dan l-abbozz, għalkemm ir-regoli komuni tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini huma min-naħa tagħhom ibbażati fuq il-politika agrikola komuni kif ukoll fuq l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri, minn naħa, u għalkemm il-kompetenzi tal-Unjoni f'dan l-istadju jiġu eżerċitati biss f'dak li jikkonċerna d-denominazzjonijiet ta' oriġini dwar il-prodotti agrikoli, b'kontradizzjoni ma' dawk dwar il-prodotti mhux agrikoli, min-naħa l-oħra, kif juru b'mod partikolari l-Opinjoni 1/94 [12], u s-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2013, Daiichi Sankyo u Sanofi-Aventis Deutschland [13], u tat-22 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill [14].

37. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tikkontesta li l-indikazzjoni ta' bażi legali żbaljata fid-deċiżjoni kkontestata ma tikkostitwixxix difett proċedurali, kif isostni l-Kunsill. Fil-fatt, din l-indikazzjoni kellha effett kemm legali kif ukoll konkret fuq il-parteċipazzjoni rispettiva tal-Unjoni u tas-seba' Stati Membri li huma partijiet fil-Ftehim ta' Lisbona fin-negozjati dwar l-abbozz ta' ftehim irrevedut. F'kull każ, huwa proprju l-ksur ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni u mhux is-sempliċi indikazzjoni ta' bażi legali żbaljata li hija tikkontesta b'dan il-motiv.

38. Il-Kunsill, sostnut mill-Istati Membri intervenjenti kollha, iqis, għall-kuntrarju, li l-abbozz ta' ftehim irrevedut ma jaqax fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni u li għaldaqstant l-Unjoni ma għandhiex, minħabba f'hekk, kompetenza esklużiva sabiex tinnegozjah.

39. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jenfasizza li, sabiex ftehim internazzjonali li għandu jiġi negozjat f'kuntest ieħor minn dak tad-WTO u li jirrigwarda kwistjonijiet ta' proprjetà intellettwali oħra minn dawk koperti bil-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jirrigwardaw il-kummerċ [15] jista' jitqies li jolqot "aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali", fis-sens tal-Artikolu 207(1) TFUE, jeħtieġ li tali ftehim internazzjonali jkollu rabta speċifika mal-kummerċ internazzjonali.

40. Issa, qabelxejn, b'differenza mill-Ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li jirrigwardaw il-kummerċ, eżaminat fis-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Daiichi Sankyo u Sanofi-Aventis Deutschland [16], l-abbozz ta' ftehim irrevedut ma jidħolx f'kuntest istituzzjonali u proċedurali li jippermetti li jitqies li huwa għandu din ir-rabta speċifika. Sussegwentement, l-Artikoli 3 u 4 tal-Konvenzjoni li tistabbilixxi d-WIPO, iffirmata fi Stokkolma fl-14 ta' Lulju 1967, juru li l-iskop primarju ta' din l-organizzazzjoni jikkonsisti fil-promozzjoni tal-adozzjoni ta' miżuri intiżi sabiex tittejjeb il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali kif ukoll fl-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fil-qasam, u barra minn hekk din il-konvenzjoni ma tinkludi l-ebda riferiment għal għan kummerċjali. Barra minn hekk, b'differenza mill-ftehimiet inkwistjoni fis-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill [17], li barra minn hekk kienet tikkonċerna l-kummerċ ta' servizzi u mhux il-protezzjoni ta' drittijiet proprjetà intellettwali dwar merkanzija, kif ukoll fis-sentenza tat-12 ta' Mejju 2005, Regione autonoma Friuli-Venezia Giulia u ERSA [18], l-abbozz ta' ftehim irrevedut innifsu ma għandux l-għan li jiffaċilita l-kummerċ billi jestendi l-leġiżlazzjoni

12 Opinjoni 1/94 (Ftehimiet annessi mal-ftehim WTO), tal-15 ta' Novembru 1994 (EU:C:1994:384, punt 29).

13 C-414/11, EU:C:2013:520.

14 C-137/12, EU:C:2013:675.

15 Dan il-ftehim jikkostitwixxi l-Anness 1 C tal-Ftehim li jistabbilixxi d-WTO, iffirmat f'Marrakech fil-15 ta' April 1994 u approvat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE, tat-22 ta' Diċembru 1994, dwar il-konklużjoin f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 80).

16 C-414/11, EU:C:2013:520, punti 52 sa 55.

17 C-137/12, EU:C:2013:675.

18 C-347/03, EU:C:2005:285.

tal-Unjoni għal Stati terzi, iżda, l-istess bħar-regoli komuni adottati mill-Unjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 114 TFUE, li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' preżervazzjoni tal-prodotti tradizzjonali u ta' informazzjoni lill-konsumaturi applikabbli għall-partijiet kontraenti kollha, inkluż l-Unjoni jekk din kellha tiddeċiedi li taderixxi għalih.

41. Barra minn hekk, l-eżami tal-kontenut ta' dan l-abbozz jikkonferma li huwa intiż sabiex jistabbilixxi qafas proċedurali uniformi ta' protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini. Skont il-Kunsill, dan l-għan jaqa' essenzjalment taħt l-Artikolu 114 TFUE għaliex il-ftehim irrevedut ser ikollu effett fuq il-leġiżlazzjoni fis-seħħ tal-partijiet kontraenti kollha la darba dawn ser ikunu obbligati jistabbilixxu proċeduri sabiex jikkonformaw rwieħhom mas-sistema prevista f'dan il-ftehim. F'kull każ, il-Kunsill isostni li, jekk l-istabbiliment ta' dawn il-proċeduri jwassal għal effetti fuq il-kummerċ ta' beni bejn il-partijiet kontraenti kollha, dawn l-effetti jkollhom natura sekondarja u indiretta pjuttost milli jikkostitwixxu wieħed mill-għanijiet prinċipali mfittxija minn dan il-ftehim.

42. Fl-aħħar nett, il-Kunsill jippreċiża li, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li huwa l-Artikolu 207 TFUE li jikkostitwixxi l-bażi legali materjali adegwata għad-deċiżjoni kkontestata, u mhux l-Artikolu 114 TFUE, ir-referenza żbaljata għal dan l-aħħar artikolu għandha titqies bħala difett proċedurali li ma jistax jiġġustifika l-annullament ta' din id-deċiżjoni[19]. Fil-fatt, kemm f'każ kif ukoll fl-ieħor, il-Kunsill kellu kull dritt isemmi l-Artikolu 218(3) u (4) TFUE bħala bażi legali proċedurali tal-imsemmija deċiżjoni, bażi legali proċedurali li bis-saħħa tagħha d-deċiżjoni kkontestata kellha tiġi adottata fi ħdan il-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata u mingħajr parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew.

43. Nindika wkoll li, waqt is-seduta, il-Kummissjoni u l-Parlament, minn naħa, u l-Kunsill u l-Istati Membri intervenjenti, min-naħa l-oħra, żammew mat-teżi rispettiva tagħhom billi kkompletawhom b'riferiment għall-Opinjoni 3/15[20] u 2/15 tal-Qorti tal-Ġustizzja.

### *B. L-evalwazzjoni tiegħi*

44. Bħall-Kummissjoni u l-Parlament, jien inqis li l-abbozz ta' ftehim irrevedut jaqa' taħt il-politika kummerċjali komuni. Isegwi li, billi ma ġietx adottata abbażi tal-Artikolu 207 TFUE, id-deċiżjoni kkontestata tikser il-kompetenza esklużiva li l-Artikolu 3(1) TFUE jagħti lill-Unjoni f'dan il-qasam.

45. Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 3(1)(e) TFUE, l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni.

46. Skont l-Artikolu 207(1) TFUE, din il-politika "għandha tkun ibbażata fuq prinċipji uniformi, partikolarment fir-rigward ta' bidliet fir-rati tariffarji, il-konklużjoni ta' ftehim tariffarji u dawk kummerċjali rigward il-kummerċ ta' merkanzija u ta' servizzi, u l-aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali, l-investiment barrani dirett, il-kisba ta' l-uniformità fil-miżuri ta' liberalizzazzjoni, il-politika dwar l-esportazzjoni kif ukoll il-miżuri għall-protezzjoni tal-kummerċ bħal dawk li għandhom jittieħdu fil-każ ta' dumping jew sussidji. Il-politika kummerċjali komuni għandha titwettaq fil-kuntest tal-prinċipji u l-objettivi ta' l-azzjoni esterna ta' l-Unjoni".

47. Kif fakkret riċentement il-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta minn din id-dispożizzjoni, u b'mod partikolari mit-tieni sentenza tagħha skont liema l-politika kummerċjali komuni taqa' fl-"azzjoni esterna tal-Unjoni", li din il-politika tirrigwarda l-kummerċ mal-Istati terzi[21].

19 Il-Kunsill jiċċita b'mod partikolari, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-363/14, EU:C:2015:579, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

20 Opinjoni 3/15 (Trattat ta' Marrakech fuq l-aċċess għax-xogħlijiet ippubblikati), tal-14 ta' Frar 2017 (EU:C:2017:114).

21 Ara, b'mod partikolari, Opinjoni 2/15 (punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48. F’dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita li ċ-ċirkustanza biss li att tal-Unjoni, bħal ftehim iffirmat minnha, jista’ jkollu ċerti implikazzjonijiet fuq il-kummerċ ma’ Stat terz wieħed jew iktar ma hijiex biżżejjed sabiex jiġi konkluż li dak l-att għandu jiġi kklassifikat fil-kategorija ta’ dawk l-atti li jaqgħu taħt il-politika kummerċjali komuni. Għall-kuntrarju, att tal-Unjoni jkun jaqa’ taħt din il-politika jekk ikun jirrigwarda speċifikament dan il-kummerċ sa fejn dan ikun intiż essenzjalment li jippromwovi, jiffaċilita jew jirregola dan il-kummerċ u għandu effetti diretti u immedjati fuqu[22].

49. Fi kliem ieħor, l-impenji internazzjonali miftiehma mill-Unjoni fil-qasam tal-proprjetà intellettwali jaqgħu taħt l-“aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali”, fis-sens tal-Artikolu 207(1) TFUE, meta huma jkollhom rabta speċifika mal-kummerċ internazzjonali sa fejn huma jkunu intiżi essenzjalment li jippromwovu, jiffaċilitaw jew jirregolaw dak il-kummerċ u għandhom effetti diretti u immedjati fuqu[23].

50. Minn dan jirriżulta li huma biss l-elementi tal-abbozz ta’ ftehim irrevedut li għandhom rabta speċifika, fis-sens imsemmi hawn fuq, mal-kummerċ bejn l-Unjoni u Stati terzi li jaqgħu fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni.

51. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk id-dispożizzjonijiet kontenuti f’dan l-abbozz ta’ ftehim irrevedut humiex intiżi li jippromwovu, jiffaċilitaw jew jirregolaw dan il-kummerċ u għandhomx effetti diretti u immedjati fuqu.

52. Tali verifika twassal sabiex tiġi mistħarrġa n-natura adegwata jew le tal-bażi legali materjali adottata mill-Kunsill fl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri l-Artikolu 114 TFUE, minflok l-Artikolu 207 TFUE, li jikkostitwixxi l-bażi legali materjali li tidher fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni. F’dan ir-rigward, jien naqbel mal-opinjoni tal-Kunsill li d-definizzjoni tal-bażi legali korretta ta’ att tal-Unjoni tikkostitwixxi premessa indispensabbli għal kull evalwazzjoni tat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

53. Infakkar, fuq dan il-punt, li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-għażla tal-bażi legali ta’ att tal-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jkunu s-suġġett ta’ stħarriġ ġudizzjarju, fosthom l-għan u l-kontenut ta’ dak l-att[24].

54. F’dan il-każ, billi d-deċiżjoni kkontestata għandha l-għan li tawtorizza l-ftuħ ta’ negozjati dwar abbozz ta’ Ftehim ta’ Lisbona rrevedut dwar id-denominazzjonijiet ta’ oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, jeħtieġ li din id-deċiżjoni tiġi eżaminata flimkien kemm mal-Ftehim ta’ Lisbona kif ukoll mal-abbozz ta’ ftehim irrevedut.

55. Infakkar, f’dan ir-rigward, li, skont l-Artikolu 1 tal-Ftehim ta’ Lisbona, l-Istati li huma partijiet fih jiffurmaw Unjoni speċjali fil-kuntest tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-proprjetà industrijali stabbilita mill-Konvenzjoni ta’ Pariġi u jintrabtu li jipproteġu, fuq it-territorju tagħhom u skont it-termini ta’ dan il-ftehim, id-denominazzjonijiet ta’ oriġini tal-prodotti tal-pajjiżi l-oħra tal-Unjoni speċjali, b’effett mill-mument li fih dawn ikunu ġew irreġistrati mal-uffiċċju internazzjonali tal-proprjetà intellettwali tad-WIPO.

56. L-Artikoli 3 sa 7 tal-imsemmi ftehim jorganizzaw il-kundizzjonijiet għall-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta’ oriġini li jaqgħu taħtu kif ukoll il-modalitajiet tar-reġistrazzjoni tagħhom mill-uffiċċju internazzjonali tal-proprjetà intellettwali tad-WIPO.

22 Ara, b’mod partikolari, Opinjoni 2/15 (punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Ara, b’mod partikolari, Opinjoni 2/15 (punt 112 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Ara, b’mod partikolari, is-sentenza tat-22 ta’ Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-137/12, EU:C:2013:675, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57. L-Artikolu 8 jipprovdi li l-azzjonijiet neċessarji sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' dawn id-denominazzjonijiet ta' oriġini jistgħu jiġu eżerċitati, f'kull wieħed mill-pajjiżi tal-Unjoni speċjali, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu.

58. L-eżami tal-abbozz ta' ftehim irrevedut, l-istess bħal dak tad-direttivi ta' negozjar li jidhru fl-anness tad-deċiżjoni kkontestata, juri li dan kellu bħala għan primarju li jtejjeb u jimmodernizza l-qafas legali tas-sistema ta' Lisbona, sabiex jagħmilha iktar attraenti għal membri ġodda futuri, filwaqt li jippreżerva l-prinċipji u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Lisbona. B'mod partikolari, l-abbozz ta' ftehim irrevedut huwa intiż li jiggarantixxi l-livell ta' protezzjoni mogħti lid-denominazzjonijiet ta' oriġini bil-Ftehim ta' Lisbona u jestendih għall-indikazzjonijiet ġeografiċi. Dan l-abbozz huwa intiż ukoll li jippreċiża u jikkjarifika r-regoli tas-sistema ta' Lisbona f'dak li jikkonċerna l-applikazzjonijiet għal reġistrazzjonijiet internazzjonali u l-validità tagħhom, l-aspetti materjali u proċedurali tal-protezzjoni li d-denominazzjonijiet ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi rreġistrati għandhom jgawdu fuq it-territorju ta' kull parti kontraenti, kif ukoll ir-rifjut tal-effetti tar-reġistrazzjoni internazzjonali. Fl-aħħar nett, l-abbozz ta' ftehim irrevedut jipprevedi l-possibbiltà għal organizzazzjonijiet intergovernamentali li jipparteċipaw fis-sistema ta' Lisbona.

59. Minn dawn l-elementi jirriżulta li, fid-dawl tal-kontenut tiegħu, l-abbozz ta' ftehim irrevedut huwa intiż primarjament sabiex jestendi għall-indikazzjonijiet ġeografiċi l-protezzjoni mogħtija lid-denominazzjonijiet ta' oriġini u sabiex isaħħaħ is-sistema ta' reġistrazzjoni internazzjonali u ta' protezzjoni reċiproka implementata bil-Ftehim ta' Lisbona.

60. F'dan ir-rigward, jista' jsir paragun ma' ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehim previst ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni u r-Repubblika ta' Singapor li kien is-suġġett tal-Opinjoni 2/15. Fil-fatt, dan il-ftehim jinkludi impenji fil-qasam tal-proprjetà intellettwali li huma stabbiliti fil-Kapitolu 11 tal-istess ftehim. B'mod partikolari, dak il-ftehim jipprevedi, fil-qasam tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, id-dispożizzjonijiet li ġejjin.

61. L-Artikolu 11.17(1) tal-ftehim previst jobbliga lil kull parti li tistabbilixxi "sistemi għar-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi fit-territorju tagħha, għall-kategoriji tal-inbejjed u l-ispirti u l-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel skont kif tqis li jkun xieraq". Dawn is-sistemi għandhom jinkludu ċerti rimedji proċedurali, deskritti fil-paragrafu 2 tal-imsemmi Artikolu 11.17, li jippermettu b'mod partikolari li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi leġittimi ta' terzi. Il-paragrafu 3 tal-istess artikolu jżid li l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti minn kull parti għandhom ikunu inklużi f'lista miżmuma mill-Kumitat "Kummerċ" stabbilit mill-ftehim previst. L-indikazzjonijiet ġeografiċi li jissemmew fuq din il-lista għandhom, skont l-Artikolu 11.19 ta' dan il-ftehim, ikunu protetti minn kull parti b'mod li l-intraprendituri kkonċernati jkunu jistgħu jimpedixxu li terzi jqarrqu bil-pubbliku jew iwettqu atti oħra ta' kompetizzjoni żleali [25].

62. Fl-opinjoni tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li d-dispożizzjonijiet kollha dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, dwar it-trade marks, dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi, dwar id-disinni, dwar il-privattivi, dwar id-data tat-testijiet u dwar il-varjetajiet tal-pjanti, ikkostitwiti minn tfakkira tal-obbligi internazzjonali multilaterali eżistenti, minn naħa, u minn impenji bilaterali, min-naħa l-oħra, għandhom l-għan essenzjali, konformement ma' dak li jistabbilixxi l-Artikolu 11.1(1)(b) ta' dan il-ftehim, li jiġi żgurat għall-intraprendituri tal-Unjoni u ta' Singapor "livell adegwat" ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħhom [26].

25 Ara l-punt 116 tal-Opinjoni 2/15.
26 Ara l-punt 121 tal-Opinjoni 2/15.

63. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 11 tal-imsemmi ftehim jippermettu lill-intraprendituri tal-Unjoni u ta’ Singapor sabiex igawdu, fit-territorju tal-parti l-oħra, minn standards ta’ protezzjoni tad-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali li għandhom ċerta omoġeneità u jikkontribwixxu għaldaqstant sabiex jipparteċipaw f’kundizzjonijiet ekwivalenti fil-kummerċ ħieles ta’ merkanzija u ta’ servizzi bejn l-Unjoni u r-Repubblika ta’ Singapor [27].

64. Fl-opinjoni tagħha il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet, l-ewwel nett, li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 11 tal-ftehim previst huma intiżi effettivament, bħalma jistabbilixxi l-Artikolu 11(1) ta’ dan il-ftehim, li “jiffaċilita[w] l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta’ prodotti innovattivi u kreattivi u l-forniment ta’ servizzi bejn il-Partijiet” u li “iżid[u] il-benefiċċji mill-kummerċ u l-investiment” [28].

65. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet ukoll li dan il-kapitolu ma jidħol bl-ebda mod fil-qafas tal-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni, iżda għandu l-għan speċifiku li jirregola l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ bejn l-Unjoni u r-Repubblika ta’ Singapor [29].

66. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tinnota li, fid-dawl tal-pożizzjoni essenzjali li l-protezzjoni tad-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali għandha fil-kummerċ ta’ merkanzija u ta’ servizzi b’mod ġenerali u fil-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu b’mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 11 tal-ftehim previst huma ta’ natura li jkollhom effetti diretti u immedjati fuq il-kummerċ bejn l-Unjoni u r-Repubblika ta’ Singapor [30].

67. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, isegwi, b’applikazzjoni tal-kriterji enfasizzati fil-punti 36 u 112 tal-opinjoni tagħha, li l-Kapitolu 11 tal-ftehim previst jirrigwarda “aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali”, fis-sens tal-Artikolu 207(1) TFUE [31]. Fil-fatt, dan il-kapitolu għandu l-għan essenzjali li jiffaċilita u li jirregola l-kummerċ bejn l-Unjoni u r-Repubblika ta’ Singapore u d-dispożizzjonijiet tiegħu huma ta’ natura li jkollhom effetti diretti u immedjati fuqu, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 36 u 112 ta’ din l-istess opinjoni. Minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-imsemmi kapitolu jaqa’ taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni skont l-Artikolu 3(1)(e) TFUE [32].

68. Jidhirli li r-raġunament li l-Qorti tal-Ġustizzja adottat fl-Opinjoni 2/15 tagħha jista’ fil-biċċa l-kbira jiġi traspost fil-kuntest ta’ dan ir-rikors.

69. Fil-fatt, mir-regoli li jinsabu fl-abbozz ta’ ftehim irrevedut jirriżulta li d-denominazzjonijiet ta’ oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi li jkunu ġew irreġistrati mal-uffiċċju internazzjonali tal-proprjetà intellettwali tad-WIPO għandhom ikunu protetti minn kull parti kontraenti b’mod li l-intraprendituri kkonċernati jkunu jistgħu jimpedixxu li terzi jqarrqu bil-pubbliku jew iwettqu atti oħra ta’ kompetizzjoni żleali.

27 Ara l-punt 122 tal-Opinjoni 2/15. Il-Qorti tal-Ġustizzja tindika li “[d]an japplika wkoll għall-Artikoli 11.36 sa 11.47 tal-ftehim previst, li jobbligaw lil kull parti tipprevedi ċerti kategoriji ta’ proċeduri u ta’ miżuri ġudizzjarji ċivili li jippermettu lill-persuni kkonċernati jinvokaw u jinfurzaw ir-rispett tad-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali tagħhom” (punt 123), kif ukoll “għall-Artikoli 11.48 sa 11.50 tal-ftehim, li jobbligaw lil kull parti sabiex tistabbilixxi metodi ta’ identifikazzjoni mill-awtoritajiet doganali ta’ merkanzija ffalsifikata jew piratata u sabiex tipprevedi l-possibbiltà, għad-detenturi ta’ drittijiet ta’ proprjetà intellettwali, li jiksbu, fil-każ ta’ suspett ta’ ffalsifikar jew ta’ piraterija, is-sospensjoni tar-rilaxx ta’ din il-merkanzija” (punt 124). Dawn id-dispożizzjonijiet jiżguraw, għal dawk tal-ewwel, “ċerta omoġenità bejn il-mezzi disponibbli għall-protezzjoni tad-detenturi ta’ drittijiet ta’ proprjetà intellettwali mid-dħul ta’ merkanzija ffalsifikata jew ippiratata fl-Unjoni u f’Singapor, rispettivament” (punt 123) u, għat-tieni, “ċerta omoġenità bejn il-mezzi disponibbli għall-protezzjoni tad-detenturi ta’ drittijiet ta’ proprjetà intellettwali mid-dħul ta’ merkanzija ffalsifikata jew ippiratata fl-Unjoni u f’Singapor, rispettivament” (punt 124).

28 Ara l-punt 125 tal-Opinjoni 2/15.

29 Ara l-punt 126 tal-Opinjoni 2/15.

30 Ara l-punt 127 tal-Opinjoni 2/15.

31 Ara l-punt 128 tal-Opinjoni 2/15.

32 Ara l-punt 130 tal-Opinjoni 2/15.

70. Kif jargumentaw korrettament il-Kummissjoni u l-Parlament, l-eżami tal-kontenut tal-abbozz ta' ftehim irrevedut u tal-kuntest li fih dan jidħol juri li, għalkemm huwa ma għandux preambolu li jesponi espressament l-għan tiegħu, dan l-abbozz ta' ftehim irrevedut għandu l-għan u l-effett li jipprovdi lid-denominazzjonijiet ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi ta' kull parti kontraenti b'sistema ta' reġistrazzjoni internazzjonali li tiżgura l-protezzjoni legali tagħhom, fuq it-territorju tal-partijiet kontraenti l-oħra kollha, kontra r-riskji ta' approprjazzjoni jew ta' użu li jistgħu jiksru l-integrità tagħhom u, għaldaqstant, jagħmlu ħsara lill-kummerċjalizzazzjoni tagħhom barra l-pajjiż. B'dan il-mod, l-abbozz ta' ftehim irrevedut huwa ta' natura li jtejjeb il-protezzjoni tal-esportazzjonijiet tal-Unjoni lejn l-Istati terzi, li, fin-nuqqas, tkun suġġetta għal reġistrazzjoni pajjiż b'pajjiż u għaldaqstant għal garanziji varjabbli.

71. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet tal-abbozz ta' ftehim irrevedut jippermettu lill-intraprendituri ta' kull wieħed mill-Istati li huma partijiet fil-Ftehim ta' Lisbona li jibbenefikaw, fuq it-territorju tal-partijiet l-oħra, minn standards ta' protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li jippreżentaw ċerta omoġeneità. Dawn id-dispożizzjonijiet jikkontribwixxu għalhekk għall-parteċipazzjoni tagħhom f'kundizzjonijiet ekwivalenti fil-kummerċ ħieles ta' merkanzija bejn l-Istati li huma partijiet fil-Ftehim ta' Lisbona. Għaldaqstant, bl-implementazzjoni ta' sistema internazzjonali ta' protezzjoni reċiproka tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, l-abbozz ta' ftehim irrevedut huwa ta' natura li jinfluwixxi direttament fuq il-kummerċ ta' beni protetti permezz ta' tali dritt ta' proprjetà intellettwali [33].

72. Barra minn hekk, l-imsemmija dispożizzjonijiet ma jidħlu bl-ebda mod fil-kuntest tal-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni.

73. Inżid li l-eżistenza ta' ftehim internazzjonali bħall-Ftehim ta' Lisbona hija parti integrali tal-eżistenza ta' relazzjonijiet kummerċjali bejn l-Istati li huma partijiet f'dan il-ftehim. Fi kliem ieħor, ma kienx ikun hemm raġuni għall-eżistenza ta' dan il-ftehim mingħajr il-kummerċ bejn l-Istati li huma partijiet fih.

74. Mill-elementi preċedenti jirriżulta li, fid-dawl tal-pożizzjoni essenzjali li l-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali għandha fil-kummerċ ta' merkanzija u ta' servizzi b'mod ġenerali u fil-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tal-abbozz ta' ftehim irrevedut għandhom l-għan essenzjali li jiffaċilitaw u jirregolaw il-kummerċ bejn l-Istati li huma partijiet fil-Ftehim ta' Lisbona u, għaldaqstant, huma ta' natura li jkollhom effetti diretti u immedjati fuq dan il-kummerċ.

75. Fil-fehma tiegħi, iċ-ċirkustanza li, għad-differenza mill-abbozz ta' ftehim irrevedut li għalih tirreferi d-deċiżjoni kkontestata, il-ftehim previst ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni u r-Repubblika ta' Singapore li kien is-suġġett tal-Opinjoni 2/15 huwa ftehim li għandu l-għan u l-iskop li "jistabbilixx[i] żona ta' kummerċ ħieles" u li "jkunu liberalizzati u faċilitati l-kummerċ u l-investiment bejn il-Partijiet" [34], ma tipprekludix li dan r-raġunament adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi jistgħu jiġu applikati b'analoġija fil-kuntest ta' dan ir-rikors.

33 Ara b'mod partikolari, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Mejju 2005, Regione autonoma Friuli-Venezia Giulia u ERSA (C-347/03, EU:C:2005:285, punt 81).

34 Ara l-punt 32 tal-Opinjoni 2/15.

76. Fil-fatt, minn naħa, ma jidhirlix li, fil-punti tar-raġunament tagħha li jiena semmejt preċedentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tat importanza determinanti lill-konstatazzjoni li d-dispożizzjonijiet dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi jiffurmaw parti minn ftehim ta' kummerċ ħieles. Min-naħa l-oħra, u f'kull każ, l-integrazzjoni f'dan it-tip ta' ftehim ta' dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jiżguraw protezzjoni reċiproka tal-indikazzjonijiet ġeografiċi turi, bħala tali u irrispettivament min-natura jew l-isem ta' ftehim internazzjonali, l-eżistenza ta' rabta intrinsika bejn din il-protezzjoni u l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali.

77. Barra minn hekk, ma nikkontestax il-fatt li l-iskop tal-proprjetà intellettwali huwa dak li jinkoraġġixxi l-kreattività billi tipproteġi l-għarfien espert. B'mod partikolari, kif jispjega korrettament il-Kunsill fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-għan tal-indikazzjonijiet ġeografiċi huwa dak li jippreżervaw l-għarfien tradizzjonali, l-espressjonijiet kulturali u t-tekniċi speċifiċi ta' manifattura, u li jwasslu sabiex l-konsumaturi jiksbu informazzjoni affidabbli fuq il-kwalità tal-prodotti kkonċernati.

78. Però, billi l-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali qiegħda titwettaq permezz ta' reviżjoni ta' ftehim internazzjonali bħalma huwa l-Ftehim ta' Lisbona, l-iskop tiegħu huwa marbut strettament mal-eżistenza ta' relazzjonijiet kummerċjali bejn il-partijiet kontraenti f'dan il-ftehim u mar-rieda tagħhom li jiżviluppaw dawn ir-relazzjonijiet.

79. Għalhekk, jiena naħseb li mill-perspettiva ta' kull wieħed mill-partijiet kontraenti fil-Ftehim ta' Lisbona, l-implementazzjoni ta' sistema ta' protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi hija l-ewwel nett motivata mill-volontà ta' esportazzjoni tal-għarfien espert billi jiġi żgurat li dan ma jiġix abbużat. L-għan primarju tal-protezzjoni li tirriżulta minn ftehim internazzjonali bħalma huwa l-Ftehim ta' Lisbona kif ukoll mill-abbozz ta' ftehim irrevedut huwa, għalhekk, l-iżvilupp f' lealtà sħiħa tal-kummerċ bejn il-partijiet kontraenti, billi l-protezzjoni tal-għarfien espert hija kundizzjoni ta' dan l-iżvilupp u mhux skop aħħari fiha nnifisha.

80. Fl-opinjoni tiegħi, il-Kunsill jikkonfondi l-għan imfittex mir-regoli sostantivi tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw l-għoti tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi ma' dak imfittex mis-sistema internazzjonali ta' protezzjoni reċiproka tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi implementati bl-abbozz ta' ftehim irrevedut.

81. L-għoti ta' indikazzjoni ġeografika lil prodott, marbuta mal-oriġini tiegħu u mal-metodu ta' manifattura tiegħu, ifisser ir-rikonoxximent tal-kwalitajiet partikolari ta' prodott. L-indikazzjoni ġeografika żżid il-valur tas-suq tal-prodotti li jibbenefikaw minnha billi tiggarantixxi li l-karatteristiċi partikolari tagħhom jiddistingwixxuhom minn prodotti oħra simili. Dawn il-karatteristiċi tagħhom jagħtu lil dawn il-prodotti potenzjal qawwi ta' esportazzjoni. L-implementazzjoni ta' sistema internazzjonali ta' protezzjoni reċiproka tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tfisser li l-prodotti li jibbenefikaw minnha jkunu jistgħu jiġu kkummerċjalizzati fil-livell internazzjonali mingħajr biża' li r-reputazzjoni tagħhom tiġi użurpata. Billi tiżgura li l-kummerċ internazzjonali ma jippreġudikax is-sinjali ta' kwalità, l-implementazzjoni ta' din is-sistema hija għalhekk ta' natura li tiffavorixxi l-kummerċ ta' tali prodotti. Barra minn hekk, din il-protezzjoni hija ta' natura li żżid ir-reputazzjoni ta' dawn il-prodotti u, bl-istess mod, tiffavorixxi d-domanda tal-konsumaturi għalihom, kif ukoll li tinkoraġġixxi lill-impriżi li jimmanifatturawhom sabiex jesportawhom lejn l-Istati li huma partijiet fil-Ftehim ta' Lisbona.

82. F'dan is-sens, l-abbozz ta' ftehim irrevedut jista' għalhekk jitqies li għandu rabta speċifika mal-kummerċ sa fejn huwa intiż essenzjalment li jiffaċilita u jirregola dan il-kummerċ u huwa ta' natura li jkollu effetti diretti u immedjati fuqu.

83. F'dan ir-rigward, huwa irrilevanti li la d-deċiżjoni kkontestata, la l-abbozz ta' ftehim irrevedut, u lanqas il-Ftehim ta' Lisbona ma jindikaw espressament li huma għandhom l-għan li jippromwovu, li jiffaċilitaw jew li jirregolaw il-kummerċ internazzjonali. Fil-fatt, l-assenza ta' din ir-referenza ma tistax telimina l-eżistenza ta' rabta speċifika, murija mill-eżami tal-kontenut tal-abbozz ta' ftehim irrevedut u

tal-kuntest li fih huwa jidħol, bejn, minn naħa, l-implementazzjoni ta' sistema internazzjonali ta' protezzjoni reċiproka tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi bejn il-partijiet kontraenti fil-Ftehim ta' Lisbona u, min-naħa l-oħra, l-iżvilupp tal-kummerċ internazzjonali bejn dawn l-istess partijiet kontraenti.

84. Kuntrarjament għal dak li tagħti x'tifhem il-bażi legali materjali tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, l-iskop tal-implementazzjoni ta' sistema internazzjonali ta' protezzjoni reċiproka tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fi ħdan grupp ta' Stati, bħal dak li għalih tirreferi d-deċiżjoni kkontestata, ma huwiex l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri bl-għan tal-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern, b'konformità ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 114(1) TFUE. Il-punt fokali huwa differenti u hija l-bażi legali li tirregola l-aspetti esterni tal-azzjoni tal-Unjoni li ssir rilevanti, f'dan il-każ l-Artikolu 207 TFUE.

85. Barra minn hekk, għandu jiġi ppreċiżat li, sabiex jiġi deċiż jekk ftehim internazzjonali jikkonċernax l-"aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali", fis-sens tal-Artikolu 207(1) TFUE, u jaqax għaldaqstant fil-politika kummerċjali tal-Unjoni, ma jidhirlix li huwa determinanti l-kuntest istituzzjonali li fih dak il-ftehim għandu jiġi nnegozjat. B'mod partikolari, kif diġà jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[35], ma jistax jiġi rikjest li, sabiex jaqa' taħt din il-politika, dan il-ftehim għandu jiġi nnegozjat taħt l-awspiċi tad-WTO jew, iktar ġeneralment, f'kuntest istituzzjonali ddeterminat. Għalhekk, l-istess bħall-ftehimiet kummerċjali bilaterali nnegozjati mill-Unjoni u l-ftehimiet multilaterali nnegozjati fil-kuntest tad-WTO jew taħt l-awspiċi ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn, in-negozjar mill-Unjoni tal-"aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali", fis-sens tal-Artikolu 207(1) TFUE, bħal dawk dwar il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, jista' jitmexxa fil-kuntest tad-WIPO.

86. Barra minn hekk, nixtieq nindika li ma naqbilx mal-argument tal-Kunsill li r-referenza għall-Artikolu 114 TFUE bħala bażi legali materjali, preżumibbilment żbaljata, għandha tikkostitwixxi difett purament formali li ma jistax iwassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, l-għażla tal-Artikolu 207 TFUE bħala bażi legali ta' att tal-Unjoni tinvolvi konsegwenzi proċedurali speċifiċi fil-każ ta' negozjar u ta' konklużjoni ta' ftehim ma' Stati terz wieħed jew iktar jew organizzazzjoni internazzjonali waħda jew iktar. L-Artikolu 207(3) TFUE jippreċiża, fil-fatt, li, f'din is-sitwazzjoni, l-Artikolu 218 TFUE huwa applikabbli "suġġett għad-dispożizzjonijiet speċjali" tal-Artikolu 207 TFUE. Għalhekk, pereżempju, in-negozjati għandhom, kif barra minn hekk kien jipprovdi espressament l-Artikolu 3 tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, jitmexxew minn din tal-aħħar b'konsultazzjoni mal-kumitat speċjali previst fl-Artikolu 207(3) TFUE. L-eżistenza ta' tali dispożizzjonijiet speċjali, li jiddistingwu l-proċedura ta' negozjar u ta' konklużjoni ta' ftehimiet li jaqgħu taħt il-politika kummerċjali komuni minn dik applikabbli, taħt l-Artikolu 218 TFUE, għat-tipi l-oħra ta' ftehimiet internazzjonali, fiha nnifisha tirrendi determinanti r-referenza għall-bażi legali korretta, f'dan il-każ l-Artikolu 207 TFUE.

87. Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li, fil-fehma tiegħi, id-deċiżjoni kkontestata tfittex għan li għandu rabta speċifika mal-politika kummerċjali komuni, li, għall-finijiet tal-adozzjoni tagħha, timponi l-użu tal-bażi legali kkostitwita mill-Artikolu 207 TFUE. Barra minn hekk, dan ifisser li, skont l-Artikolu 3(1)(e) TFUE, id-deċiżjoni kkontestata tappartjeni lil qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

88. Fl-opinjoni tiegħi, minn dan jirriżulta li l-ewwel parti tal-ewwel motiv invokat mill-Kummissjoni hija fondata u li, għaldaqstant, id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata. Kif indikajt preċedentement, ma jidhirlix għalhekk li huwa neċessarju li jiġu eżaminati t-tieni parti tal-ewwel motiv u t-tieni motiv invokati mill-Kummissjoni insostenn tar-rikors tagħha.

35 Ara s-sentenzi tat-12 ta' Mejju 2005, Regione autonoma Friuli-Venezia Giulia u ERSA (C-347/03, EU:C:2005:285), u tat-22 ta' Ottubru 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-137/12, EU:C:2013:675).

89. Fir-rigward ta' dan l-aħħar motiv, inżid li l-eżami tiegħu jidher iktar u iktar mhux neċessarju għaliex, f'kull każ, il-modalitajiet proċedurali użati mid-deċiżjoni kkontestata bl-għan tan-negozjar tal-abbozz ta' ftehim irrevedut għandhom jitqiesu li kienu vvizzjati mill-bidu, billi din id-deċiżjoni ma kinitx adottata abbażi tal-Artikolu 207 TFUE u għaldaqstant hija ma tosservax id-dispożizzjonijiet proċedurali speċjali previsti f'dan l-artikolu.

90. Fl-aħħar nett, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li żżomm fis-seħħ l-effetti tad-deċiżjoni kkontestata sad-dħul fis-seħħ ta' att ġdid tal-Unjoni intiż għas-sostituzzjoni tagħha.

## V. Fuq l-ispejjeż

91. Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-Kunsill tilef, hemm lok li huwa jiġi ordnat ibati l-ispejjeż kif mitlub mill-Kummissjoni.

92. Konformement mal-Artikolu 140(1) tal-istess Regoli, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, l-Ungerija, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika Slovakka, ir-Renju Unit kif ukoll il-Parlament għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

## VI. Konklużjoni

93. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi skont kif ġej:

1) Id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, tas-7 ta' Mejju 2015, li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar Ftehim ta' Lisbona rrevedut dwar id-denominazzjonijiet ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, għal dak li jirrigwarda kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea, hija annullata.

2) L-effetti ta' din id-deċiżjoni għandhom jinżammu sakemm jidħol fis-seħħ att ġdid intiż għas-sostituzzjoni tagħha.

3) Il-Kunsill huwa kkundannat għall-ispejjeż.

4) Ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, l-Ungerija, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika Slovakka, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq kif ukoll il-Parlament għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.